**Minuti**

**Laqgha Tal-Kunsill Lokali Birkirkara**

**ID-DISGHA LEGISLATURA**

**Laqgha numru 34**

**18 ta' Novembru 2025**

Il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara Itaqa' fl-Ufficcju Amministrativ tiegħu li jinsab ġewwa iċ-Ċentru Ċivku, tieni sular, Triq Tumas Fenech Birkirkara fil-6 ta' filgħaxija.

**Prezenti:**

Desirei Grech - Kunsillier
Maurizio Gauci - Kunsillier
Kaylocke Buhagiar - Kunsillier
Rosette Cassar – Kunsillier
Alfred Attard - Kunsillier
Luke Vella - Kunsillier
Antoine Attard - Kunsillier
Marie Claire Zammit Bonello – Kunsillier
Jade England- Kunsillier
Gilmour Borg – Kunsillier
Stefano Sicari - Kunsillier

**Ufficjal Prezenti:**

Christine Jo Mansuto - Segretarju Ezekuttv
Dr Gillian Portelli - Kummissarju

**Assenti b'apologija:**

Yana Borg Debono Grech – Kunsillier
Karl Cutajar – Kunsillier

**Assenti:**

**34.1 Qari tal-ittri t' apoloġiji**

**34.1.1** Il -laqgħa tal-kunsill bdiet fil-6.00pm.

**34.1 2** Is-sindku Desirei Grech talbet biex tiġi osservata minuta silenzju b'rispett l-ex sindku Joanne Debono Grech.

**34.1.3** Is-Sindku Desirei Grech staqsiet jekk kienx hemm ittri t'apoloġija u Segretarju Eżekuttiv wieġbet li kien hemm tnejn dik tas-Sa Yana Borg Debono Grech u tas-Sur Karl Cutajar.

**34.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti**

**34.2.**1 Is-Sindku Desirei Grech staqsiet jekk kienx hemm kummenti fuq il minuti preċedenti nu30, nu 31 u nu 32. Il minuti ġew ikkunsidrati moqrija u korretti.

**34.2.2** Is-sur Maurizio Gauci ippropona u Sa Marie Claire is-sekondat bħala korretti il minuti tal laqgħa 30, 31 u 32

**33.6** Proġett Heritage Cluster

34.6 .1 Is-sindku Desirei Grech talbet sabiex naqbżu għal item 34.6 preżentazzjoni fuq proġett ġdid.

**34 6 2** Il perit Joe Bugeja ippreżenta il proġett Heritage cluster. Fejn spjega kif tlett binjiet ġewwa il Ġnien tal-Istazzjon ser jiffurmaw cluster. L-ewwel binja hija innovation Centre. Il binja eżistenti fuq in-naħa tat triq il-Kolleġġjata. Il binja ser tkun komposta fuq tlett livelli b'entratura mit triq kif ukoll mill ġnien tal-Istazzjon. Ser tkun komposta min swali li jservu għal diversi funzjonijiet. Meetings konferenzi etc.

**34.6.3** Tieni Binja tal proġett hija il binja eżistenti ġewwa l-ġnien. Din ser isservi bħala Mużew uniku tat tipu fieh ser jiġbor.

- Livell 0
  - Spazju Arkeoloġiku
  - Spazju għal Arkitettura Medjevali u Rinaxximent
  - Spazju għal Arkitettura Barokk u Klassika
  - Spazju ta żmien il Franċiżi u tieni gwerra dinjija.

Livell 1

  - Knejjes u Kappelli
  - Mtieħen
  - Personaġġi importani fl-istorja.
  - Min dan il-livell ser ikun hemm pont struttura tal ħadid li tgħaqqad din il binja mal binja tal mużew tal istazzjon li permezz tal-lift ser trendi ż-żewġ binjiet aċċessibbli għal nies b'diżabilità.

**34.6.4** Proġett ser ikun finanzjat mill Planing development fund bl-għajnuna tar-Reġjun Lvant.

34.6.5 Il-Perit spjega kif saret laqgħa fejn attenda flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u ġew diskussi is-sistema tal-Culverts ġewwa Birkirkara, il manutenzjoni tagħhom u possibbiltà li jsiru culverts ġodda biex tissolva il problema tal-għarar li qed jiffaċċjaw residenti minħabba żvilupp tal bini.

**34.6.6** Kummenti li ħargu waqt il-laqgħa:

**Triq il-Ftieħ u Triq Giovanni Mamo**

- Kumment: Hemm bżonn li jsir kuntatt ma' Infrastructure Malta fir-rigward tal-formazzjoni tat-triq.
- Il-PWD hija infurmata dwar il-problemi eżistenti ta' għargħar fiż-żona.
- Il-PWD innotat li l-Awtorità tal-Ippjanar kellha toħroġ il-permessi tal-iżvilupp b'salvagwardji dwar l-ilma tax-xita.

**Triq Censu Costa**

- Jeżistu problemi simili ta' għargħar.
- Teħtieġ miżuri xierqa għad-dispersi tal-ilma.

**Triq San Ġiljan**

- L-akbar sfida: numru kbir ta' servizzi taħt l-art li jgħaddu minn triq dejqa.
- Dan jagħmel impossibbli l-installazzjoni ta' pajp ta' metru (is-soluzzjoni ideali).

**Triq in-Naxxar, Triq L-Imsida, Ħas-Sajjied u Ġnien John Borg**

- Il-manutenzjoni tal-culverts eżistenti għandha issir talba fuq il-portal onlajn.
- Hu rakkomandat li l-ħidma tiġi ppjanata bil-quddiem qabel ma jintbagħat l-applikazzjoni sabiex jiġi żgurat proposta effettiva.

**34.3 Arisings mill-Minuti**

**34.3.1** Ma kien hemm Xejn

34.3.2 Sa Rosette Cassar Waslet fis-635pm

34.3.3 Is Sa Jade England telqet mil-laqgħa minħabba inpenji oħra. Hija kienet talbet li titlaq qabel ma bdiet il-laqgħa.

34.3.4 Is-Sur Alfred Attard talb ukoll sabiex jiġi skużat mil-Laqgħa.

**34.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**34.4.1** Is-sindku infurmat lil dawk preżenti li, Il-Laqgħa General Annwali li se ssir nhar id- 9 ta' Diċembru 2025 fis-6pm fis-sala tal-Kunsill Lokali.

**34.4.2** Is-Sindku Staqsiet lil dawk preżenti jaqblux li jsir Whatsapp Group, li jl-iskop tiegħu ikun biss sabiex is-segretarju Eżekuttiv tpoġġi tfakkiriet jew noti għalli informazzjoni tal kunsill. Ittieħed vot. **Qablu**: Desirei, Maurizio, Luke, Kaylocke, Marie Claire u Antoine.

**Ma qablux** : Rosette, Gilmour u Stefano.

**Astjenew**: Ħadd.

**34.4.3** Is-sindku informat lil dawk preżenti li Talba Calleja Second Step talab sabiex jagħmel Christmas Village nhar il-5,6,7 ta' Diċembru. Hija qalet li bħas-sena l-oħra huwa talab sabiex ngħnuħ fil bookings tal- Uffiċjali u permessi. Kien hemm qbil unanimu bejn dawk preżenti biex tingħata l-għajnuna.

**34.4.4** Is-sindku Infurmat lil dawk preżenti li l-Birkirkara FC Women's team – talab sabiex ngħinuhom fil kiri ta' żewġ mobile toilets nhar it- 12, 13 u 14 ta' Diċembru. Kien hemm qbil unanimu bejn dawk preżenti għal din l-għajnuna.

**34.4.5** Is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li Kunsill Reġjonali Lvant ħareġ Skema Finanzjarja nr 2 Somma totali ta €15,000. Peress li i-żmien sabiex ngħaddu il proposta kien qasir ġie

propost li jsir Restawr ta' Telephone boxes li jinsabu fi Tiq il-Kbira u Triq il-Wied. Dawn isiru portal viżiv sabiex jittela materjal tal kunsill Lokali Reġjonali u informazzjoni. Kien hemm qbil unanimu bejn dawk preżenti.

**34.4.6** Is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li l-Agreement PR ma Sa Ritienne Frendo ser jiġġedded wara li din uriet ix-xewqa li tnaqqas ftit mil- load tax-xogħol minħabba li ser tkun qed tgħamel Teżi u xogħol kien żdied wisq. Hija ser tibqa tgħamel il-proof reading biss.

**34.4.7** Is-sindku infurmat li allura issa ser toħrog sejħa sabiex ikun hemm artista li tgħamel materjal diġitali bħal posters u fb post. Sa Rosette issuġġeriet li nsibu student mill-MCAST Is-sindku irrimarkat li dan is-servizz jitlob ħafna ħin u dedikazzjoni u mhux faċli li ssib servizz li jkun irħis.

**34.4.8** Ġie mistoqsi jekk dan hux servizz addizzjonali fejn is-sindku qalet li iva għax ix-xogħol huwa differnti u Tal PR dejjem għamlet xogħol tajjeb u issa xogħol żdid mhux tlahhaq.

**34.4.9** Kien hemm qbil li jinħargu żewġ agreement wieħed għal- PR kif ukoll graphic design.

**34.4.10**Is-Sindku infurmat lil dawk prezenti li Ikla għall Kunsilliera u l-ħaddiema tal kunsill ser issir nhar l-10 ta Diċembru 2025 fis-1pm. Dakinhar il-kunsill ser jiftaħ sal-12pm.

**34.4.10 Monument Victor Zammit.** Is-sindku infurmat lil dawk preżenti li ix-xogħol fuq il Bust tas-sur Victor Zammit. Miexi u saru anki permessi. Aktar tard ser tingħata id-data ta meta ħa jiġi inawgurat dan il-bust.

**34.4.11 Pjan ta' Ħidma tat-Toroq.**

Is-sindku spjegat kif lura f'Ottubru ta' 2022, IM kienu bagħtu lill-kunsilli kollha ta' Malta biex il-kunsill jħejji pjan ta' 12,000 metri kwadri ta' toroq fil-konfini tal-l-kwalità biex dan jinbnew mill-ġdid.

Il-pjan mill-kunsill preċedenti sar u kien jinkludi lista ta' 14-il triq – total ta' 12,000 metri kwadi. Min din il lista saru biss ħames toroq biss.

F'Lulju saret laqgħa ma IM u fejn ġiet riveduta il-lista u ġew inklużi toroq fil -Village Core. s'issa ma smajna xejn. Waqt diskussjoni issema kif il kunsill m'għandux flus biex jgħamel toroq kif ukoll mhux ġust li Birkirkara ma jsir xejn.

Hija talbet ikunx għaqli li ssir stqarrija sabiex ninfurmaw lir-residenti rigward dan il pjan u li mhux it-tort tal kunsill li naqas mir-responsabbiltà tiegħu. Kien hemm qbil li r-resident għandu

jkun infurmat. L-ilmenti jidħlu il kunsill u aħna qedin naffaċjaw il-problemi. L-istqarrija tiġi preżentata l-ewwel il-kunsill umbad bl-approvzzjoni toħroġ fil midja.

**34.5. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**34.5.1** Sa Rosette staqsiet dwar ix-xogħol fuq il-culvert u dwar il-proposta biex jiġi mdawwal aħjar. Is-Sindku spjegat li x-xogħol qed jimxi kif mistenni u li dalwaqt ser tintemm l-ewwel fażi. Dan ħa aktar hin milli mistenni peress li l-ħsara kienet ikbar u kellhom jiġi modifikat il pjan. Inħadet nota sabiex jiġu installati aktar blinkers.

**34.5.2** Sa Rosette staqsiet dwar il-latrini pubbliċi tal-Istazzjon fejn is-sindku wieġbet li dawn ukoll daqt jitlestew u ser jinfetħu għal pubbliku fil bidu ta' Diċembru. Sa Marie Claire staqsiet dwar laterani ta triq is-santwarju fejn kien hemm vandaliżmu. Dawn qed jissewwew.

**34.5.3** Kien hemm domanda ukoll fuq ix-xogħol ta triq Olaf Gollcher fejn s-Segretarju Eżekuttiv għaddiet ħarsa ġenerali lejn ix-xogħlijiet li qed isiru f' din it-triq u Triq Lorenzo Gatt, fejn qalet li l-proġetti issa daħlu fil-fażi tal-asfaltar. Hija spjegat ukoll li x-xogħolijiet f'Triq tal-Qattus u Triq Evelyn Bonaci għaddejjin b'rata tajba. F'dawn iż-żewġt nħawi bħalissa qed isir xogħol fuq il-konnessjoni tal-ilma għad-djar (*water house connection*) kif ukoll fuq is-servizz tad-drenaġġ.Ix-xogħol mistenni li jibqa' għaddej sal-Jannar 2026

34.5.4 Is-sindku qalet rigward Traffic management nistennew li jitlesta ix-xogħol umbad nitkellmu mal-entitá kompetenti biex jitfassal pjan.

34.5.5 Sa Rosette staqsiet rigward servizz tat trasport jekk jistax jiġi estiż lejn San Vinċenz. Fejn ġie iċċarat li ahna għandna xufier wieħed u nwasslu fl-akwati ta B'Kara biss. Sa Rosette staqsiet indaħlux xufier ieħor. Ittiehdet nota.

34.5.6. Sur Antoine fakkar fl-aħħar laqgħa tal Patrimonju Karkariż kif ukoll il-mixja kulturali tal-Ħadd.

34.5.7 Is-sindku fakkret ukoll fl-attivitajiet li kienu ġejjin dik ta L-iljieli mkebbsa 30 ta' Novembru, 5 ta' Diċembru Jum Birkirkara, u l-Christmas Village. Fakkret ukoll li ser isir il programm Bonġu Malta. Il Mixja tal President ser tingħata diretta fuq channel ieħor.

**34.7 Rapporti**

**34.7.1** Is-Sindku infurmat li Jeħtieġ jitwaqqaf Kumitat tal Finanzi sabiex nippreparaw għall Budget.

**Membri**
Dott. Desirei Grech
Is-Sur Kaylocke Buhagiar
Is-Sur Karl Cutajar
Is-Sa. Christine-Jo Mansueto Ex Officio

Kien hemm qbil bejn dawk preżenti.

**34.7.2 Kumitat Victor Zammit Appreciation Award**

Membri

Dott. Desirei Grech
Alfred Attard
Kaylocke Buhagiar
Fabio Spiteri
Frank Cortis
Henry Bray
Peter Cosai

Is-Sa. Christine-Jo Mansueto Ex Officio

Is-Sa Rosette staqsiet jekk dawn il persuni jithalsux fejn is-sindku irrispondiet li le.

**34.8 Amministrazzjoni**

**34.8.1** Is-sindku infurmat lil dawk preżenti li peress li fl-laqgħa precedenti kien sar qbil biex tinħareġ sejha għall uffiċjal klerikali skala 13 flok il persuna li telqet. Hija qalet li peress li kien hemm bidla fil ftehim kollettiv ma nistgħux nohorgu sejha fi skala 13 iza tinħareġ f'dik 12. Kien hemm qbil bejn dawk preżenti.

**34.9 Approvazzjoni ta' skedi ta' ħlasijiet**

**34.9.1** Sa Rosette staqsiet dwar ħlasijiet tal-avukat fejn is-sindku qalet li tal Ħlasijiet huma ta invoices li dahlu tard.

**34.9.2** Is sindku staqsiet dwar kawzi pendenti fejn segretarju eżekuttiv wiegbet li hemm ta Timo. Oħra fuq taraġ ta' Paris . Kuntrattur li ħadem fi zmien precedenti, kif ukoll tas-siġra li waqgħet fi triq Arterjali.

**34.9.3** Sa Rosette staqsiet x'kienet il kwistjoni fuq il vetturi tal Kunsill, fejn Segretarju eżekuttiv spjegat li sabiex ma nħalsux spejjes żejda it transfers kienu qed isiru waħda waħda imma ġara li xufier qala ċitazzjoni bil mobile u l-punti dehru fuq Segretarju preċedenti. Ovvjament dawn il punti inqelbu fuq ix-xufier kif ukoll saru l-arranġamenti biex il-vetturi jinqelbu fuqna.

**34.9.4** Skeda ta ħlasijiet giet approvata mis-Sur Antoine u sekonda is Sur Luke Vella bħala korretta.

**34.9.5** Petty cash ġiet approvata mis-sur Maurizio u Sa Marie Claire issekondat l-iskeda bhala koretta

**34.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

34.11 Il-Laqgħa ġiet fi tmiem fis 7.27pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda. Data għal laqgħa li jmiss 15 ta' Diċembru fil 5.30pm

**33. 3 1** Il- Laqgha ntemmet fis 7.18pm wara li giet eżawrita l-aġenda kollha.

Iffirmati

Christine Jo Mansueto